**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Id-disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 06/2024**

**Laqgħa Numru 06**

12 ta Settembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Il-Ħamis 12 ta Settembru 2024 fl-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius - Sindku
Noya Spiteri Hammett - Viċi Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (1)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 06 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **06.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **06.01.01** | Ma kienx hemm |
| **06.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 06.02.01 | Is-segretarju eżekuttiv bagħtet l-minuti tas-seduta numru 3/2024, 4/2024 u 5/2024 għad-disa' leġislatura permezz ta' imjel lis-sindku, viċi sindku u l-kunsilliera.<br><br>Il-vici sindku Noyah Spiteri Hammett baghtet korespondenza bil. Korrezjoni taghha lis-segretarju ezekuttiv fejn staqsiet dwar l-intervisti għall-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-intervisti kienu skedati għall-9 t'Awwissu 2024, u ċċarat li l-bord tal-għażla kien suġġerit mill-DLG wara talba tal-Kunsill. L-mistoqsija kienet diġà ġiet diskussa fi seduta preċedenti u approvata, għalhekk ma saritx korrezzjoni fil-minuti preżenti.<br><br>Noyah Spiteri Hammet għamlet osservazzjoni fuq korrettezza dwar punt numru 02.05.01. Qalet li deputat s-Segretarju Eżekuttiv stiednet lil Viċi Sindku biex tara l-kwotazzjonijiet fl-uffiċċju tal-Kunsill diversi drabi, iżda din baqgħet ma marritx għalihom. Għalhekk, id-deputat Segretarju Eżekuttiv ipprepara kopja għal-laqgħa numru 3 għad-disa' leġislatura.<br>Spjegat li din id-dikjarazzjoni ma ssemmiet fl-ebda mument, u talbet biex issir korrezzjoni fil-minuti tas-seduta numru 3/2024 u biex dan il-kliem jitneħħa. Barra minn hekk, kkonfermat li semmiet li kien hemm aktar pagamenti, u wara verifika, irriżulta li kien hemm ħames pagamenti. Is- |

| | |
|---|---|
| | segretarju eżekuttiv ha jkun et jistaqsi ghal seduta numru 2 biex il-kunsilliera jkunu jistghu jaqblu fuq din il korretezza .<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella approva il-minuti tas-seduta numru 3/2024, 4/2024 u 5/2024 għad-disa' leġislatura u l-kunsilliera Rita Gatt issekondat wara li Martin Vella ġibed l-attenzjoni fuq:<br><br>Il-kunsillier Martin Vella ġibed l-attenzjoni li hemm korrezzjoni fil-minuta punt 03.04.01 fejn huwa rrefera għall-Baċir Numru 1. Fejn staqsa jekk hux minnu li ngħata l-permess lill-barklori għall-irmigg u jekk dan huwa l-każ, x'ser tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill kollu qabel li l-barklori ma għandhomx jiġu mpoġġija f'dik iż-żona – Dock 1. Fil-minuti kien imniżżel li s-Sindku huwa kontra, iżda għandu jiġi ċċarat li mhux biss is-Sindku huwa kontra, iżda l-Kunsill kollu huwa kontra.<br><br>Korrezzjoni oħra nnutata minn Kunsillier Glauber Spiteri fil-minuta punt 03.06.10, fejn għandu jidher Martin Vella u mhux Martin Vassallo.<br><br>Korrezzjoni oħra nnutata minn Kunsillier Glauber Spiteri fil-minuta 03.06.03. Fejn hemm miktub li l-attivitajiet ma jistgħux isiru minn ġimgħa għal ġimgħa, għandna nżidu li dawn għandhom jiġu pjanati minn xahar qabel biex tgħaddi bħala mozzjoni, sabiex ikun hemm ħin biżżejjed biex jinġabru l-kwotazzjonijiet kollha. |
| **06.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 06.03.01 | Is-Sindku beda billi informa lil kunsilliera dwar l-uniformijiet għall-ħaddiema tal-uffiċċju tal-kunsill sabiex ikunu puliti. Huwa wkoll ssuġġerixxa li jigi tranġat l-uffiċċju tas-Segretarja, inkluż madum, shelving, u kamra tal-banju, eċċ. Kulħadd qabel li jkun aħjar li morru għal |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | irħas. Kien hemm qbil ukoll biex issiru l-uniformijiet għall-ħaddiema tal-uffiċċju. |
| 06.03.02 | Is-Sindku ħareġ bl-idea li jsir focus group mar-residenti ta’ Bormla, sabiex jinvolvu r-residenti f’attivitajiet u jsibu problema komuni, peress li ma jkunx hemm attendenza kbira fl-attivitajiet li jsiru. Huwa wkoll stqarr li jekk hemm min jaf xi ħadd interessat li jieħu sehem fil-focus group, għandhom jinformaw lill-Kunsill. |
| 06.03.03 | Is-Sindku ikkomunika biex jinforma li d-dipartiment għall-gvern lokali bagħat Direttiva 2/2024, li tirrevoka d-Direttiva 1/2024 u li tinkludi aġġornament dwar il-laqgħat tal-Kunsilli, li ma jistgħux isiru online. Din id-Direttiva hija datata 9 ta' Awissu 2024. |
| 06.03.04 | Imejl datata 13 t’ Awissu 2024 minn għand Rodnick Abdilla bagħat imejl sabiex were xewqa li jiltaqa mal-kunsill dwar l-użu tal-grawnd ta’ Peppi Delceppo. Dan il-kuntratt għadu mhux finalizatt u trid issir sejħa għall-offerta fejn qed jigwidawna d-dipartiment għal-gvern lokali. |
| 06.03.04 | Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa nhar it-Tlieta, 4 ta’ Settembru, ġewwa Birkirkara. F’din il-laqgħa, ġew diskussi tliet suġġetti. L-ewwel suġġett kien dwar ir-renovazzjoni ta’ zona opposta l-Iskola Santa Margerita Primarja, fejn qed isir xogħol ta’ rinnovament. It-tieni suġġett kien dwar il-Gnien ta’ Bormla. It-tielet suġġett diskuss kien ukoll dwar il-Gnien ta’ ħdejn sportx complex bormla. |
| 06.03.05 | Imejl datata 13 t’ Awissu 2024 mis-Sur Davide Denti fejn bagħat imejl fejn jixtieq li jsir aktar studju dwar il-pedonali fil-mina ta St Helen Gate. |
| 06.03.06 | is-Sur Matthew Tonna Gilford baghat imejl datata 18 t’ Awissu għall-kollaborazzjoni għal reklam fil-pubblikazzjoni tal-festa: |

*2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | It-tariffi tar-riklamar huma:<br><br>Black and White:<br>1/3 Page - Eur20<br>1/2 Page - Eur30<br>Full Page - Eur60<br><br>Kulur<br>1/2 Page - Eur75<br>Full Page - Eur150<br><br>Is-sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li ssir full page għal prezz ta 150 euro. |
| 06.03.07 | Is-Sindku gibed l-attenzjoni lil kunsilliera li fid-19 t'Awissu intbgħatet imejl mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan l-imejl intbgħat lil kull kunsillier u joffri opportunità għal min jixtieq jagħmel diploma: **Sponsorship For A Higher Diploma In Organisation And Business Leadership**. |
| 06.03.08 | Fl-20 t'Awissu, Ramona Gatt bagħtet għall-kwotazzjonijiet għall-flights għal Skopje, fejn finalment inqatgħu l-flights għall-kunsilliera kollha u għas-Segretarju Eżekuttiv, Crystal Degabriele. |
| 06.03.09 | Fl-29 t'Awissu, il-Perit William Lewis bagħat iċ-ċertifikat tax-xogħol li għamel il-kuntrattur tal-RMS. F'din il-laqgħa, ġie indikat li l-kuntrattur issa jrid jitħallas tat-tielet interim. |
| 06.03.09 | Fit-22 t'Awissu, is-Sur Micallef Ryan mill-anzjanita attiva bagħat applikazzjoni sabiex jintgħażel anzjan/a attiva fil-lokalità. Din intbgħatet |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | lil kunsilliera Rita Gatt, peress li għandha id-dekasteru ta' l-anzjani sabiex tinnomina anzjan/a attiv/a. Min-naħa tal-Kunsill ta' Bormla, ma nominajna lil ħadd għal din l-applikazzjoni. |
| 06.03.10 | Fit-22 t'Awissu, intbagħtet email dwar il-cirkular AKL 2024/049, intitolata "You Matter - Building Resilience: Overcoming Challenges and Promoting Well-being," li se ssir fid-28 ta' Settembru 2024. Kif ukoll, din intbgħatet lil kunsilliera kollha b'imejl dwar is-saħħa mentali. |
| 06.03.10 | Is-Sa Cassar Marriatta mill-Ecohive bagħtet imejl dwar seminars għar-residenti sabiex ikollhom aktar tagħrif kif wieħed jissepara l-iskart. Qed tistieden lir-residenti fl-akkademja tagħhom, li hi miftuħa kull nhar ta' Tlieta sa l-Ħdud bejn 09:00 u l-aħħar dħul fl-16:00. Id-dħul huwa b'xejn. |
| 06.03.11 | Fis-26 t'Awissu, Maria Demartino reġgħet bagħtet imejl fejn tixtieq li jsir ċaqliq tal-lampa tat-triq. Hi qalet:<br><br>**"Sir/Madam,<br>I am writing to request a slight adjustment to the position of the street light. Would it be possible to relocate the street light to the position illustrated below in the attached picture, keeping it on the same facade but shifting it laterally? I am referring to the street light situated at 124, Triq Dom Mintoff (Ix-xatt ta' Bormla)."**<br><br>Il-kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni għall- proposta. |
| 06.03.12 | Fis-26 t' Awissu intbgħatet imejl minn TM dwar Parkeġġ Riservat Personalizzat Mary Carmen Scicluna Blk 3 Fl 4 San Ġwann T'Għuxa, Bormla. Il-kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni. |

| | |
|---|---|
| 06.03.13 | Fis-27 ta’ Awwissu, il-Kunsill ta’ Bormla informa lil Transport Malta li l-parking riservat ghal- blue badge, fis-71 Triq l-Oratorju, Bormla, m’għadux jintuża, ghalhekk il-kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni biex jitnehha. |
| 06.03.14 | Fis-27 ta’ Awwissu, intbagħtet email minn Leon Promotions, minn Noel Castillo, li fihom kienu inklużi l-prezzijiet għall-attivitajiet tal-Milied. Din tigi diskussa iktar il-quddiem. |
| 06.03.15 | Fid-29 ta’ Awwissu, Luke Barbara mill-Elmo Insurance bagħat email dwar inċident li seħħ fis-sena 2022, meta waqa’ cint fuq karozza ta’ Sur Santa Liena. Huwa staqsa min hu responsabbli għal dan l-inċident. Din il-problema se tiġi diskussa mal-avukat tal-kunsill. |
| 06.03.16 | Fit-30 ta’ Awwissu, l-AKL bagħtet email biċ-ċirkolari AKL2024/051, bl-isem “Save the Date.” Il- seminar “Transforming Care for Older Adults in Malta” se jsir fid-11 ta’ Settembru, 2024. Il-kunsilliera Rita Gatt attendiet għal dan is-seminar. |
| 06.03.17 | Fit-30 ta’ Awwissu, is-Sur Edgar Scicluna bagħat email fejn talab permess biex jarma affarijiet relatati mal-festa, b’xogħol ta' engraving. Il-Kunsill qabel li jingħata l-permess. |
| 06.03.18 | Irċevejna kwotazzjoni għall-fanali lil E. Calleja, għall-prezz ta’ 411.55c<br>Il-għan ta’ dawn il-fanali huwa li jiġu diskussi mal- Boat Show, biex tingħata donazzjoni lill-Kunsill. Bħala rigal jew kumpens, l-organizzaturi tal-boat show se jikunsidraw li jagħtuna triq b’erba’ fanali.<br>Dawn il-fanali se jkunu tal-plastik, għax il-fanali tal-ħadid għandhom stima ta’ aktar minn elf euro kull wieħed. |
| 06.03.19 | Intbagħtet email fit-2 ta’ Settembru, li tinkludi ċ-ċirkular AKL2024/043, dwar Rights Training Third Round għall-programm rights. Hemm l-aħħar |

*2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | sessjoni prevista fis-16 ta' Settembru, bejn il-ħamsa u s-sebgħa. Kulħadd li hu interessat għandu jitkellem mal-AKL. L-email intbagħtet lill-Kunsilliera kollha. |
| 06.03.20 | Fit-2 ta' Settembru, Transport Malta bgħatet email dwar il-parkegg riservat tas-Sur George Schembri, ta' Flat 1, Triq Hanover, Bormla. Il-parkegg riservat tas-Sur George Schembri m'għadux jintuża, u nistgħu inneħħuh. |
| 06.03.21 | Fl-4 ta' Settembru intbgħatet imejl mill-MIEMA dwar seminar fuq il-proġett "Invitation - Cities Go Climate Neutral."<br>L-avveniment se jsir fis-sala tal-AKL, fis-23 ta' Settembru 2024, mis-1:00pm sa 5:30pm. |
| 06.03.22 | Imejl li ġie mibgħut mis-sur Donovan, datat 5 ta' Settembru, kien espressa r-request għal kollaborazzjoni mill-kunsill sabiex jitgawdu bnadar fuq binijiet pubbliċi u privati fid-19 ta' Ottubru. Il-kunsill qabel li nitfghu informazjoni fuq il-paġna ta facebook. |
| 06.03.23 | Fil-5 ta' Settembru, l-AKL bgħatet ċirkolari AKL2024/052, "Making Numbers Work for You," li tinkludi għodod għall-ħidma ta' deċiżjonijiet, taħriġ bażiku finanzjarja għall-kunsilli lokali.<br><br>Il-training se jsir fit-26 ta' Settembru 2024, u wkoll fit-30 ta' Settembru u 3 ta' Ottubru.<br><br>Din iċ-ċirkulari intbagħtet lill-kunsilliera kollha. |
| 06.03.24 | Email mibgħuta mingħand Kristabel Aquilina, Kummissjoni Żgħażagħ Festa Bormla. |

| | |
|---|---|
| | Fil-messaġġ, qed titlob kollaborazzjoni mal-Kunsill biex jinħoloq "palju kbir" li juri l-Immakulata u Bormla taħt.<br><br>Il-proġett huwa stmat li jiswa madwar sitt mitt euro.<br><br>Il-kunsill jaqbel li minflok l-ammont ta’ sitt mija jingħata l-ammont ta’ ħames mija. |
| 06.03.25 | Email mingħand is-Sur Ivan Zammit dwar proposta għall-Kunsill Lokali ta’ Bormla, li tinkludi progett biex naghmlu triq ta’ umbrellel f’Bormla.<br>Il-proġett jirrappreżenta inizjattiva b’ħafna fatturi u b’nefqa baxxa, li tista’ tikkontribwixxi b’mod sinifikanti, b’ispirazzjoni ta’ suċċess madwar id-dinja.<br>Bormla tista’ ssir ikona għal dan il-kunċett, li jtarriċċi l-komunità, iżid it-turiżmu lokali, u jippromovi t-tkabbir ekonomiku. Bħala ringrazzjament għall-ħin u s-sapport mill-Kunsill, nistgħu noffru pagament ta’ mitejn euro fis-sena bħala sponsorship għall-festa ta’ Bormla. Il-Kunsill jaqbel ma’ din id-deċiżjoni u li ssir triq ix-xatt wara bacir gewwa bormla. |
| 06.03.26 | Fis- 6 ta’ Settembru, il- Kunsill ircieva il- commencement letter, mill- PA, li l- Kuntrattur jista’ jibda mit- 22 ta’ Settembru 2024, fuq il- ġnien ta’ San Gwann t’ Ghuxa. Acknowledgement of receipt of commencement notice. Dan tax- xoghol li kellu jsir fuq San Gwann t’ Ghuxa. |
| 06.03.27 | Fl-9 ta’ Settembru, Leon Productions bagħtet email dwar wirja qasira ta’ logħob tan-nar li se ssir quddiem il-Valletta Waterfront. Din il-wirja se ddum madwar erba’ minuti u se tittella’ mad-daqq ta’ nofs il-lejl fl-aħħar tas-sena, nhar it-Tlieta, 31 ta’ Diċembru 2024. |

| | |
|---|---|
| | L-awtoritajiet tal-Pulizija reġgħu talbuna biex nitolbu no objection mill-Kunsill tad-Dawra tal-Port il-Kbir. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni dwar din il-wirja. |
| 06.03.28 | Email datata fl-10 ta' Settembru mingħand Charlene Grech.<br>Charlene qed titlob gentilment l-installazzjoni ta' bank tul Triq il-Gendus, speċifikament quddiem l-Uffiċċju Parrokkjali.<br>Dan il-post jibbenifika bil-kbir mis-setting, peress li huwa frekwentat kemm mir-residenti kif ukoll mill-viżitaturi, inklużi individwi anzjani li jistgħu japprezzaw post fejn jistrieħu.<br>Bank f'dan il-post mhux biss issaħħaħ il-kumdità ta' dawk li jgħaddu minnhom, iżda wkoll jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-estetika ġenerali u l-accessibilità taż-żona.<br>Il-Kunsill għandu jkun qiegħed jsaqsi lill-Arċipriet, sabiex jekk ma jsib l-ebda obizzjoni, ma nsibu l-ebda obizzjoni minn naħa tal-Kunsill. |
| 06.03.29 | Fid-9 ta' Settembru, intbagħtiet inviti lill-Onorevoli Alison Zerafa Civelli, lill-Dirigenti Emile Vassallo u Marisa Pisani, kif ukoll lill-Kunsilliera, biex jattendu għall-konferenza tas-short play festival li se ssir nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Settembru. |
| 06.03.30 | Il-Kunsill iddeċieda li jitolbu kopja tal-kavetta għall-Gnien il-Familja, peress li dan il-ġnien huwa proprjetà tal-Kunsill u bħalissa m'għandniex kopja taċ-ċavetta għalih. |
| 06.03.31 | Laqgħa saret mal-Public Works, fejn ġew allokati €125,000 għall-Kunsill Lokali Bormla. Dawn il-fondi jistgħu jintużaw għal proġetti relatati mal-bankini, ħitan, u open spaces. Il-Kunsill approvaw dan il-fondi. |

| | |
|---|---|
| 06.03.32 | Il-resident Manuel Hammet esprima l-interess tiegħu li jikseb blue badge. Minħabba s-sitwazzjoni tas-saħħa tiegħu, huwa ma jistax jimxi u jgħix fi Triq l-Oratorju. Il-Kunsill qabel li, ladarba l-applikazzjoni tiġi approvata minn Transport Malta, mhu ha jsib l-ebda oggezzjoni kontra l-applikazzjoni tiegħu. |
| 06.03.33 | Marco Agius irrimarka li qed jitlob ukoll li jitneħħew l-arbli ta' San Ġwann t'Għuxa, minħabba li rċieva lmenti minn persuni b'diżabilità. Huwa spjega li l-bankina hija dejqa u qed tikkawża inkonvenjent. Għalhekk, qiegħed jagħmel pressjoni sabiex il-Public Works jneħħu dawn l-arbli. Huwa ssuġġerixxa li dawn l-arbli jistgħu jitpoġġu fi Triq Polverista. |
| 06.03.034 | Marco Agius infurma li din il-ġimgħa bagħat lil Mr Cohen minn Transport Malta dwar il-progress rigward it-tabelli fi Triq Matty Grima. Irċiva tweġiba mingħand Antoinette Conti, Perit, li spjegat li Transport Malta ma tipprovdix it-tabelli, iżda bħala awtorità regolatorja toħroġ l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa, fejn applikabbli. Hija semmiet ukoll li dan japplika għall-problema ta' Triq Matty Grima. Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qiegħed japplika għal dawn it-tabelli. |
| **06.4** | **Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-kunsilliera** |
| 06.04.01 | Glauber Spiteri, kunsillier, għamel mistoqsija għall-attenzjoni tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa staqsa dwar l-istat attwali tal-proġett ta' Triq l-Inkurunazzjoni u meta se jitkompla.<br>Is-Sindku wieġeb li, skont l-informazzjoni li għandu, il-proġett waqa' lura minħabba li għandom jsiru xi katusi tal-ilma. Huwa indika li għandu jerġa' jiġi eżaminat il-proġett kollu, peress li ma hemmx sodda biżżejjed għall-katusi. Ma ġewx ipprovduti informazzjoni dwar il-ġurnata li se jitlestew il-ħidma. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 06.04.02 | Glauber Spiteri staqsa lis-Sindku dwar tat-tabelli għal St John Street u fiex wasal il-proċess tal-installazzjoni tagħhom. |
| 06.04.03 | Glauber Spiteri staqsa wkoll meta se jitwaħħlu l-bollards fi Triq Wigi Rosato. Is-Sindku wieġeb li fil-każ tal-bollards ta' Triq Wigi Rosato, għandhom jistennew biex jaraw kemm minnhom jidħlu fil-post. Għaldaqstant, hemm il-possibbiltà li ma jsirux kollha f'daqqa. |
| **06.5** | **Approvazzjonijiet ta' Skedi ta' Ħlasijiet** |
| 06.05.01 | Is-segretarja eżekuttiv resqgħet l-iskeda ta' pagamenti numru 03/2024 għad-disa' leġislatura fejn ġew approvati mil-kunsillier Glauber Spiteru u s-sekondati mil Kunsillier Martin Vella, is-Sindku Marco Agius u l-kunsilliera Rita Gatt jaqblu mad din l-iskeda waqt li Vici sindku Noyah Spiteri Hammet astjenit il-pagament numru 2024-780. |
| 06.05.02 | Is-segretarju eżekuttiv resqgħet l-petty cash għax-xahar ta' Awissu 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn ġew approvati mil-kunsilliera Rita Gatt u l-kunsillier Glauber Spiteri. |
| 06.05.03 | Is-segretarju eżekuttiv resqgħet l-purchase order list għax-xahar ta' Awissu 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn approvati mil-kunsilliera Rita Gatt u l-kunsillier Glauber Spiteri. |
| **06.6** | **Mozzjonijiet ( Mozzjonijiet numru 25/2024 – 32/ 2024)** |
| 06.06.01 | **Mozzjoni Numru 25/2024**<br>**Seduta Nru 6/2024**<br>Gheziez kollegi, Sindku, Vici, Kunsilliera, Segretarju u Amministrazzjoni. Bhal ma tafu s- sena l- ohra ghall- habta ta' Dicembru, ghamilt ghall- ewwel darba, attivita' ghall- anzjani li kienet ta' success. Ghal hekk qed nerga nitlob li terga ssir l- istess, fl- istess gurnata, bl- istess mod li |

| | |
|---|---|
| | kienet saret. Nixtieq li tkun ghall- habta tat- 18 ta’ Dicembru, mill- hamsa u nofs sat- tmienja u nofs, fl- Universita Amerikana ta’ Bormla u ssir bl- istess mod, li ghamiliha. Rita Gatt, Kunsilliera Bormla.<br><br>Proponent : Rita Gatt<br>Sekondant : Martin Vella<br><br>Kulħadd qabel b’mod unanimu |
| 06.06.02 | **Mozzjoni Numru 26/2024**<br>**Seduta Nru 06/2024**<br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri ressaq mozzjoni biex issir harga ghall- familja kollha, ghall- Festa ta’ San Martin. Dan isir bi hlas sa biex il- Kunsill ma jidholx fi problemi finanzjarji.<br><br>Proponet : Glauber Spiteri<br>Sekondant: Rita Gatt<br><br>Dil-mozzjoni ġiet approvata minn kulħadd. |
| 06.06.04 | **Mozzjoni Numru 27/2024**<br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri ressaq mozzjoni sabiex din is-siġra tinqala u issir oħra dan għaliex qeda fil-periklu li tweġġa lil xi ħadd .(Ritratt aness)<br><br>Proponent: Glauber Spiteri<br>Sekondant: Martin Vella |

| | |
|---|---|
| | Din is-sigra hija tal-public works ghalhekk se nkunu qieghdin ninfurmawhom. |
| 06.06.05 | **Mozzjoni Numru 28/2024**<br>**Seduta Nru 06/2024**<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri ressaq mozzjoni sabiex Day Centre tal-anzjani jkollu unloading bay parking mit-8am sa 12:30pm.<br><br>Proponent: Glauber Spiteri<br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Kulħadd qabel b'mod unanimu |
| 06.06.06 | **Mozzjoni Numru 29/2024**<br>**Seduta Nru 06/2024**<br><br>Is-sindku Marco Agius qed jressaq mozzjoni sabiex it-triq ta san gwann t'ghuxa jsir tarmac jew konkos<br><br>Proponent : Marco Agius<br><br>Sekondant: Glauber spiteri<br><br>Dil-mozzjoni ġiet approvata minn kulħadd. |

| | |
|---|---|
| 06.06.07 | **Mozzjoni Numru 30/2024**<br>**Seduta Nru 06/2024**<br>Il-kunsilliera Rita Gatt resqet mozzjoni sabiex norganizza attivita' ghall-Ghawdex, ghall- presepji, din se issir bl- ikel normali. Kif kienet t' Ghawdex.<br><br>Proponent : Rita Gatt<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri<br><br>Dil-mozzjoni ġiet approvata minn kulħadd. |
| 06.06.08 | **Mozzjoni Numru 31/2024**<br>**Seduta Nru 06/2024**<br>Rita Gatt xtaqet tressaq mozzjoni biex ssir talk ghall- persuni b' dizabilita.<br><br>Proponent : Rita Gatt<br><br>Sekondant: Noyah Spiteri Hammet<br><br>Kulħadd qabel b'mod unanimu |
| 06.06.09 | **Mozzjoni Numru 32/2024**<br>**Seduta Nru 06/2024**<br>Marco Agius ressaq mozzjoni biex bhas-snin imghoddija, nergghu narmaw Bormla bid- dawl fi zmien il- Milied.<br>Proponent : Marco Agius<br>Sekondant: Noyah Spiteri Hammet<br>Kulħadd qabel b'mod unanimu |

| | |
|---|---|
| **06.07** | **Sejħiet għall-offerti** |
| 06.07.01 | Evalwazzjoni tat-tender tal-Bulky lesta u l-bord approva li għandha tingħata lil Ronald Bezzina bl-irħas offerta. Il-Kunsiller preżenti qabel ma l-għażla tal-bord. Dan il-kuntrattur jista jibda fl-1 ta' Settembru 2024.<br><br>Il-Bord tal-evalwaturi għandu jiltaqa' il-ġimgħa id-dieħla sabiex jagħlaq it-tender tal-Ġnien fil-Ġubilew tal-fidda wara li l-perit ikkonferma il-kjarfiċi li kien hemm dwar il-Merry Go Round u is-situ. |
| 06.07.02 | It-tender ta chairlift quddiem il-bieb tal-kunsill ser titella fuq l-EPPS nhar it-Tlieta 13 t' Awissu 2024. |
| **06.08** | **Rapporti** |
| 06.08.1 | Ma kien hemm l-ebda rapporti ppreżentati f'din is-seduta |
| **06.09** | **Kummenti ohra** |
| 06.09.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera dwar diversi kwotazzjonijiet, u l-kunsilliera qablu li għandhom jingħażlu l-irhas offerti. Madankollu, ġie deċiż li l-kwotazzjoni għall-mugs ma tiġix approvata, għalkemm il-kwotazzjonijiet l-oħra kollha ġew aċċettati. |
| 06.09.02 | Martin Vella wera x-xewqa tiegħu li l-mozzjonijiet jibdew jiġu segwiti u li tittieħed azzjoni fuqhom. Il-kunsilliera l-oħra qablu ma' din it-talba. |
| 06.09.03 | Ivan Zammit, tad-Date Art Café, jistaqsi jekk jista' joħroġ permess mis-sebħa u nofs ta' filgħaxija sal-ħdax ta' bil-lejl il-ġimgħa kollha.Meta ġie infurmati dwar il-lmenti li kellna, qalli li ma kinitx qed tkun għolja, u li fil- |

| | |
|---|---|
| | għaxija biss kien qed idoqq.Skond hu, il-mużika ma kinitx qed tkun tgħajjat. Avzajnih li ser inresqu it-talba fis-seduta.<br>Il-kunsill qabel li il-permess jiġi mogħti sa 10.30 pm kif ukoll sar ftehim mas-sid biex jzomm il-muzika baxxa. |
| 06.10 | **Aġġornament tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss** |
| 06.10.01 | Is-Seduta ntemmet fis-8:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-erbgha 9 ta' ottibru 2024 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum 9 t'Ottubru 2024

IFFIRMATA

______________

**Marco Agius**

Sindku

IFFIRMATA

______________________

**Crystal Daegabriele**

Segretarju Eżekuttiv